MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 628/1997/1

Anthony A Cachia
vs
Chairman Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp u b'digriet tal-10 ta' Gunju 1999 gie korrett ghal Chairman Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 17 ta' Novembru 1989 u Awissu 1990/16 ta' Awissu 1991 u 21 ta' Lulju 1992 huwa sofra ingustizzja f'li nghata transfers vendikattivi u ma nghatax il-promozzjoni ghal grad ta' Senior Executive.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
Illi huwa kien ilu jahdem mal-MDC mill-1974 u kien ilu fil-grad ta' Executive ghal madwar 9 snin. Illi huwa dejjem ghamel ix-xoghol bl-akbar attenzjoni u efficjenza u qatt ma

kellu rapporti hziena kontra tieghu anzi dejjem kellu rapporti favorevoli minghand is-superjuri tieghu. Illi huwa ghandu esperjenza vasta fuq l-istatistika u kien responsabbli minn diversi rapporti dwar l-Industrija u Fabbriki meghjuna mill-MDC, ir-Rapporti Annwali tal-MDC ta’ bejn 1979 u 1987. Huwa kellu wkoll ir-responsabilita` li jigbor u jipprepara l-informazzjoni ghall-Mistoqsijiet Parlamentari (P.Q.’s) relatati ma’ Industrija u oqsma ohra.

Illi f’April 1988 huwa gie trasferit mill-ufficcju tieghu ghall-ebda raguni ta’ xejn, ghal post li suppost kien ufficcju. Dan kien f’kamra li fiha kien hemm sitt haddiema, kienet minghajr tieqa u minghajr arja u umduza hafna. Illi huwa hawnhekk kien baqa’ jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel qabel April 1988.

Illi f’Novembru 1989, il-General Manager, Dr. Andre` Camilleri kien baghtlu ittra fejn qallu li s-servizzi tieghu kienu mitluba urgenti ghall-Local Manufacturers Promotion Board (LMPB), f’South Street, Valletta. Illi huwa hawnhekk ghamel madwar tlett xhur ma jinghata xoghol xejn. Illi huwa hass li dan it-transfer inghatalu minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi f’Awissu 1990, huwa rega’ gie ordnat biex imur jahdem urgenti fid-Dipartiment ta’ Industrija, f’Sta Venera. Qal li ghalkemm il-grad tieghu kien ta’ Executive, ix-xoghol li kien mitlub li jaghmel kien, twahhil tal-labels fuq l-envelops u kien irid jiehu l-ordnijiet minghand grad anqas minnu.

Illi huwa konsegwenza ta’ dan it-trattament hazin u degradanti marad u beda ghaddej minn depressjoni kbira, tant hu hekk li dam madwar xahar ma jidholx ghax-xoghol. Huwa kien qieghed jinghata l-kura mehtiega u konsegwenza ta’ dan kollu, anke l-familja tieghu ghaddiet minn tbatija kbira. Wara dan il-perjodu bis-sick leave huwa rega’ ntbaghat jahdem mal-LMPB fejn dam hemm ghal madwar tlett snin.

Illi huwa minhabba t-transfers li qala’ mill-MDC u ntbaghat jahdem ma’ Industrija, kull darba li applika ghall-

promozzjoni ta’ Senior Executive, kemm fis-16.08.91 u 21.07.92, din dejjem giet rifjutata. Dan minhabba l-fatt li l-board tad-diretturi ta’ MDC kien hareg policy li kull impjegat li ma kienx qieghed jahdem xoghol ghal MDC ma kienx intitolat ghall-promozzjoni.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni mid-data li kien jisthoqlu u jinghata kumpens ghat-tbatija li ghadda minnu hu u l-familja tieghu konsegwenza tat-transfers mhux gustifikati li qala’, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ Lm5000 jew kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra risposta tac-Chairman tal-Malta Development Corporation li eccepixxa.

1. Illi l-ilmenti tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Dan stante li r-rikorrent ma garrab ebda ingustizzja b’konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew li nghatat bi hsara ghalih.

2. Illi kif kellu jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza, dawk il-persuni li hadu l-promozzjoni ta’ Senior Executive wara s-sejhiet ghall-applikazzjonijiet li saru fis-16 t’Awissu, 1991 u fil-21 ta’ Lulju, 1992 u li dwarhom qed jilmenta r-rikorrent, kienu kollha gradwati u ferm aktar kwalifikati mir-rikorrent.

3. Illi kwantu ghall-ilment tar-rikorrent dwar it-trasferimenti li huwa nghata, ghandu jinghad li huwa kien gie ‘misluf’

lid-Dipartiment ta’ l-Industrija darbtejn u f’zewg perjodi differenti (fl-1983 u fl-1990) u taht gvernijiet differenti. Ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent li t-tieni trasferiment/secondment tieghu mad-Dipartiment ta’ l-Industrija kien wiehed vendikattiv, hija bla bazi.

4. Illi kwantu ghall-ilment tar-rikorrent li t-trasferiment tieghu mal-Local Manufacturers Promotion Board (LMPB) ‘inghatalu minhabba t-twemmin politiku tieghu’, din l-allegazzjoni hija kontradetta minn kliem ir-rikorrent stess tant li f’curriculum vitae iffirmat minnu fid-9 ta’ Ottubru 1996 (kopja ta’ liema giet annessa mar-risposta u markata bhala dok A), huwa qal li dan il-bord kellu rwol u funzjonijiet importanti u d-dmirijiet assenjati lir-rikorrent taht dan il-bord kienu wkoll ta’ certa responsabbilta`.

5. Illi ghal kull buon fini ghandu jinghad li minkejja dak allegat mir-rikorrent dwar vendikazzjonijiet minhabba t-twemmin politiku tieghu ecc, ir-rikorrent xorta wahda nghata b’effett mill-1 ta’ Settembru 1994 promozzjoni ghal Senior Executive.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Korporazzjoni intimata ssottomettiet li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti pprezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Xehed <u>ir-rikorrent</u> li qal li dahal mal-MDC fl-1974 bhala Clerk 1. Qal li kien ghamel xoghol ta’ statistika, rapporti annwali ecc. u dan baqa’ jaghmlu sal-1987. Qal li f’April 1988 immuvjaw ghall-Belt mal-Ministeru tal-Industrija fejn fis-sezzjoni kien hemm hu u Rosanne Dingli u damu

hemm sal-1983. Semma li dam hemmhekk sakemm gie trasferit fil-Manufacturers Promotions Board u l-ufficcju ta' dan kien f'South Street il-Belt u gew trasferiti 17-il ruh, kollha mill-Malta Development Corporation u ddeskriva lil dan il-grupp ta' nies li gew trasferiti l-Local Manufacturers Promotion Board, kollha laburisti. Semma xi ohrajn li flimkien kollha kienu trasferiti l-Local Manufacturers Promotion Board bhal Dr. Mario Vella, Vladimir Cini, Edward Caruana, Joe Portelli u Kevin Camilleri fost ohrajn. Hu ddeskriva dan l-ufficcju f'South Street bhala abbandunat, kien hemm anki twieqi mkissrin, toilets mahmugin u xoghol x'jaghmlu ma kienx hemm. Spjega li parti mix-xoghol f'South Street kien li jduru l-hwienet u jiccekjaw il-prezzijiet. Beda jhossu demotivat hafna permezz tax-xoghol u beda anke jhossu depress. Qal li dam tlett snin f'South Street imbaghad fl-1992 regghu baghtu ghalih biex jerga' jmur l-Malta Development Corporation u hu accetta mill-ewwel. Qal li kemm kien dam South Street kien applika ghall-promozzjonijiet izda qatt ma hadhom u spjega li dak iz-zmien kien hemm policy li min ma kienx go l-Malta Development Corporation ma jinghatax promozzjoni. Zied ighid li meta gie trasferit il-Local Manufacturers Promotion Board baghtu ghalih minn gurnata ghall-ohra u gie trasferit mill-lum ghall-ghada. Qal li gie trasferit kontra l-volonta` tieghu. Qal li hemmhekk kellu jibda jaghmel xoghol gdid anki ta' kompjuterizazzjoni izda qatt ma gie l-kompjuter. Esebixxa ittra li ntbaghtet lilu minn Dr. Andre Camilleri a fol 163 tal-process.

Xehdet Mary Cauchi li qalet ir-rikorrent dahal fis-16 ta' Dicembru 1974 bhala Clerk 1, f'Gunju 1980 ha promozzjoni u lahaq Clerk 2. F'April 1986 ha promozzjoni ghal Executive u f'Settembru 1994 lahaq Senior Executive. Semmiet li fl-4 ta' April 1983 mill-Malta Development Corporation gie sekondat mal-Ministry of Industries u f'Gunju 1988 rega' mar l-Malta Development Corporation u f'Novembru 1989 kien sekondat lill-Local Manufacturers Promotion Board u f'Dicembru 1992 rega' lura fl-Malta development Corporation. Semmiet ukoll li f'Novembru 1993 mar il-Marketing Division u f'Settembru 1994 kellu Duties tad-Documentation Unit. Qalet li l-

internal applications fl-1991/1992 kienu internal calls generali. Qalet li setghu japplikaw l-impjegati kollha u r-rikorrent kien applika f'Awissu 1991 kif ukoll f'Lulju 1992 u qalet li fl-ebda wahda ma ha l-promozzjoni. Hi kkonfermat li z-zewg trasferimenti li ha r-rikorrent kienu taht zewg amministrazzjonijiet differenti. Semmiet li fl-1993 ir-rikorrent kien Executive u f'Settembru 1994 ha promozzjoni ghal Senior Executive u fl-1998 lahaq Administrative Supervisor kif ghadu sal-lum.

Xehed Kevin Camilleri Executive mal-Malta Development Corporation li qal li dahal l-Malta Development Corporation fi Frar 1987. Qal li r-rikorrent dak iz-zmien kien posted mieghu l-Ministeru tal-Industrija u r-rikorrent kien jaghmel xoghol tal-Malta Development Corporation. Qal li l-ewwel darba li gie trasferit kien f'Mejju 1987 wara l-elezzjoni, meta ntbghat l-Export Promotion Division, u fl-1989 gie trasferit il-Local Manufacturers Promotions Board, f' South Street il-Belt. Qal li r-rikorrent kien gie trasferit hemm mieghu. Semma li maghhom kien hemm ukoll, Dr. Mario Vella, Vladimir Cini, Wally Vella Zarb, Edward Caruana, Paul Vella u l-Head hemmhekk kien John Lanzon. Spjega li xi haga komuni kienet li n-nies kollha li kienu l-Local Manufacturers Promotions Board kienu tal-istess kulur politiku, u ma kellhomx xoghol x'jaghmlu, u qal li r-rikorrent kien jaghmel xoghol bhalu dwar iccekkjar ta' prezzijiet. Qal li f'dak iz-zmien, qatt ma kellu overtime. Fir-rigward tal-overtime, qal li s-sejha ghall-applikazzjonijiet kienu jircievu kopja taghha f'South Street imma meta applikaw, ma kienux jigu kunsidrati, peress li kienu minn barra l-Malta Development Corporation.

Xehed Edward Caruana, Senior Executive fil-Malta Development Corporation, li qal li jiftakar li f'Novembru 1989, kien iltaqa' mar-rikorrent fil-premises ta' South Street, il-Belt. Qal li kien ircieva ittra bil-miktub li kien gie trasferit f'South Street. Hemmhekk kien hemm grupp mill-Malta Development Corporation li kienu Anthony Cachia, Alfred Camilleri, Wally Vella Zarb, Mario Vella, Maurice DeGaetano, Martin Testa, Salvu Briffa u Vladimir Cini. Qal li haga komuni li kien hemm bejniethom kienet l-istess

fehma politika li kellhom. Fir-rigward tal-bini qal li ndafa u maintanance ma kienx hemm. Fir-rigward ta' liaison mal-Malta Development Corporation qal li kienu minsijin minn kullhadd hemmhekk, u anke fir-rigward ta' leave u sick leave ma kienux jaghmlu iktar mal-Malta Development Corporation. Qal fir-rigward tan-nies li kienu l-Local Manufacturers Promotions Board hadd ma nghata xi increment jew promozzjoni kemm damu hemm.

Xehed Dr. Mario Vella li qal f'Novembru 1989 kien jahdem fil-bini f'South Street, il-Belt u dak iz-zmien kellu l-kariga ta' Head I u meta kien hemm ma kellu xejn x'jaghmel. Semma li iktar tard bdew jibghatu iktar nies. Qal li kien hemm zewg fazijiet l-ewwel fazi meta ma kellhomx xoghol x'jaghmlu u fit-tieni fazi xi whud mill-impjegati hemm kienu jintbaghtu fil-hwienet jiccekkjaw fuq il-prodotti. Semma li l-percessjoni dak iz-zmien kienet li jekk ma tkunx fid-dar centrali tal-Malta Development Corporation ma tigix meqjus ghall-promozzjonijiet u dan ghax l-Malta Development Corporation ma tkunx f'pozizzjoni li taf x'tip ta' xoghol tkunu qed taghamel. Zied ighid li l-Local Manufacturers Promotions Board qatt ma kien parti mill-Malta Development Corporation izda kienet tuza nies mill-Malta Development Corporation izda qatt ma dehru fil-kotba tad-Dipartiment tal-Industrija u l-Ministeru tal-Industrija.

Xehed Dr. Andre` Camilleri li fl-1989 gie appuntat General Manager tal-Malta Development Corporation li qal li jiftakar li kien hemm hsieb li tghaddi ligi fil-Parlament li hi l-Local Manufacturers Promotions Board bil-hsieb li tigi imposta levy fuq prodotti impurtati. Spjega li l-ideja kienet li jintbaghtu nies mill-Malta Development Corporation biex jigu sekondati mal-Local Manufacturers Promotions Board biex jamministraw din il-ligi gdida. Qal li jiftakar xi nies bhal Paul Vella fl-accountancy u Dr. Mario Vella u jiftakar li r-rikorrent kien wiehed minn dawk nominati wkoll. Semma li meta lahaq Manager wiehed mill-punti li kien staqsa dwarhom, ghaliex kien hemm numru ta' nies fuq il-payroll tal-Malta Development Corporation. Qal dak iz-zmien kien hemm l-ufficcju f'House of Catalonia ufficcju zghir f'Dortmund House u l-ufficju South Street, Valletta.

Semma wkoll dwar promozzjonijiet li huma kienu adottaw policy li min kien ilu sekondat f'Dipartimenti ohrajn ma setax jinghata l-istess dritt bhal min kien qieghed involut direttament fil-Malta Development Corporation. Spjega li kien hemm diversi ragunijiet fosthom li jekk bniedem ikun ilu fuq xoghol direttament mal-Malta Development Corporation kien diga` familjari ma' certu xoghol u ghalhekk kien jinghata preferenza. Spjega li raguni ohra kienet li f'certu mument kien hemm numru ta' impjegati li bdew jiddejqu sekondati u bdew jaghmlu pressjoni biex imorru lura l-Malta Development Corporation u l-Malta Development Corporation ma kellhiex xoghol li setghet taghtihom u ma ridux li dak is-secondment jigi terminat skond ir-rieda tal-impjegati.

In kontro ezami qal li l-Local Manufacturers Promotions Board kienu ntbaghtu 16-il ruh u mhux 20 jew 30 kemm kien hemm bzonn. Qal li dan seta' kien ghar-raguni li ma ma setghux jaghtu iktar. Hu nnega li qatt ha konjizzjoni politika tal-impjegati li kienu jaqghu taht l-Malta Development Corporation. Zied ighid li meta n-nies kienu jigu sekondati perezempju mal-Local Manufacturers Promotions Board hu bhala General Manager tal-Malta Development Corporation ma kenitx iktar fil-funzjoni tieghu li jaghmel l-appraisal reports tan-nies sekondati u anqas li jqassmilhom ix-xoghol. Fil-fatt Acting Director of Industry kien hemm Mario Farrugia. Semma li kienet darba biss li mar jara l-bini tal-Local Manufacturers Promotion Boards f'South street. Qal li kien hemm hafna tarag u kien skomdu biex titla' u kien jaf li kien hemm sitwazzjoni fejn la kien hemm telephones u anqas computers. Qal li jiftakar li r-rikorrent kien wiehed minn dawk li kien jigbor id-data u jifformula rapporti ta' statistika fuq l-industrija qabel ma kien intbaghat f'South Street, il-Belt. Qal li n-nies li kienu jahdmu direttament mal-Malta Development Corporation kellhom precedenza fir-rigward tal-promozzjoni fuq dawk li kienu sekondati ma' xi entita`. Qal li kien hemm biss eccezzjoni ta' Paul Vella li kien intalab min-naha tal-Malta Development Corporation stess biex jigi rilaxxat mil-Local Manufacturers Promotions

Board peress li kien hemm linja ta' xoghol u ghalhekk kien hemm bzonnu.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq zewg aspetti u cioe` t-transfers li rcieva li skond ir-rikorrent saru b' mod ingust u n-nuqqas ta' promozzjoni. Dawn iridu jigu ezaminati separatament.

**A)** ***Dwar it-transfers*** ghandu jinghad li rrizulta li r-rikorrent gie trasferit fl-20 ta' Novembru 1989 ghal mal-Local Manufacturing (Promotion) Board go South Street il-Belt. Illi rrizulta li dan il-post kien post ikrah fejn ghal zmien twil la kien hemm computers u anqas telephones. Kien hemm hafna tarag u skomdu biex titla'. Il-kmamar ma kienux ta' livell tajjeb. Irrizulta wkoll li n-nies li kienu gew trasferiti hemmhekk kienu kwazi kollha tal-kulur politiku oppost ghall-gvern tal-gurnata. Ma nghatatx raguni ghaliex persuna bhar-rikorrent li precedentement kienet tahdem fuq it-tip ta' xoghol imsemmi giet trasferita f' post fejn il-kundizzjonijiet tax-xoghol ma setghux jiffacilitaw li hu jaghmel xoghol siewi. Issemma wkoll li ma tantx jew kwazi ma kien hemm xoghol xejn ghan-nies ta' South Street.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u

ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata dwar it-transfers.

**B)** Ir-rikorrent jilmenta wkoll dwar in-***nuqqas ta' promozzjoni***. Irrizulta car li meta persuna ma tkunx qeghda tahdem fis-sezzjoni centrali tal-MDC izda tkun trasferita ma' xi entita` hi tbati rigward promozzjonijiet. Dan irrizulta mid-depozizzjonijiet moghtija minn ufficjali gholja tal-korporazzjoni intimata. Izda r-rikorrent f' ebda stadju tal-proceduri ma gab prova dwar min lahaq bl-ismijiet indikati, is-seniority rispettivi tieghu u ta' min lahaq, il-kwalifiki li kellhom dawk li lahqu u d-diversi aspetti ohra necessarji biex it-Tribunal jistabbilixxi jekk saritx ingustizzja meta r-rikorrent ma giex moghti l-promozzjoni. Ghal dawn il-motivi f' dan l-aspett it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata.

Peress li ghalhekk isib l-ilment dwar transfers gustifikat, izda mhux dak dwar il-promozzjoni, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal dwar transfers ingusti jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjes kontra l-korporazzjoni intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------